*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 13,870, 31 ta' Lulju, 1981*
***Taqsima A***

# MALTA

## ATT Nru. XXXI ta' l-1981

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jipprovdi għall-imposizzjoni ta' taxxa fuq ċerti dokumenti.**

## ACT No. XXXI of 1981

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to provide for the imposition of duty on certain documents.**

# ATT TA' L-1981 DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI

*Arranġament ta' Artikoli*

## Taqsima I

*Preliminari*


1. Titolu fil-qosor.
2. Tifsir.


## Taqsima II

*Disposizzjonijiet Ġenerali*


3. Taxxi.
4. Kif titħallas it-taxxa.
5. Dokumenti suġġetti għal taxxa.
6. Taxxa fuq dokumenti magħmulin barra minn Malta.
7. Konservazzjoni ta' dokumenti.
8. Dokumenti fuq iżjed minn ħaġa waħda.
9. Dikjarazzjoni ta' valur.
10. Proċedura sabiex jinstab il-valur ġust.
11. Responsabbiltà tan-nutara għal dik li hija d-dikjarazzjoni ta' valur.
12. Taxxi *ad valorem*.
13. Kif hija kalkolata taxxa *ad valorem* f'xi każijiet.
14. Meta jinġiebu dokumenti, li fuqhom ma kenitx tħallset taxxa quddiem il-qrati, l-arbitri jew il-periti.
15. Dmirijiet ta' persuna li quddiemha dokumenti li fuqhom ma tħallsitx taxxa biex tirrapporta lill-Kummissarju.
16. Responsabbiltà ta' penali ma jkollhiex x'taqsam mal-ħlas ta' taxxa.
17. Azzjoni biex tinġabar penali tittieħed mill-Kummissarju.
18. Preskrizzjoni ta' azzjoni għall-ġbir ta' penali.
19. Setgħat ta' uffiċjali pubbliċi awtorizzati biex jeżaminaw dokumenti, eċċ.
20. Piena għal min jiffalsifika, eċċ, konnijiet, eċċ.
21. Ħelsien mill-piena.
22. Setgħa għall-egħmil ta' regolamenti.
23. Setgħa tal-Ministru li jagħti ħelsien mit-taxxa.
24. Setgħa tal-Kummissarju li jaħfer jew inaqqas penalitajiet.


## Taqsima III

*Dokumenti suġġetti għat-taxxa sa mill-oriġini tagħhom*

### Titlu I

*Ċekkijiet*


25. Ċekkijiet.
26. Responsabbiltà dwar ċekkijiet.
27. Penali għal nuqqas ta' ħlas ta' taxxa fuq ċekkijiet.


### Titlu II

*Poloz ta' Assigurazzjoni*


28. Taxxa inizjali fuq polza ta' assigurazzjoni.
29. Taxxa fuq polza ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja.

30. Tifsira ta' "polza ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja".
31. Taxxa fuq poloz ta' assigurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni jew assigurazzjonijiet komprensivi.
32. Taxxa fuq poloz ta' assigurazzjoni li dwarhom m'hemm ebda disposizzjoni għaliha.
33. Kontrosenjar ta' poloz ta' assigurazzjoni.
34. Polza ta' assigurazzjoni tinħareġ ma' kull ftehim ta' assigurazzjoni.
35. Responsabbiltà biex titħallas taxxa fuq poloz ta' assigurazzjoni.
36. Penali għal nuqqas li titħallas taxxa fuq polza ta' assigurazzjoni.
37. Kopji ta' poloz ta' assigurazzjoni li fuqhom ma tkunx tħallset it-taxxa.

Titlu III

*Bejgħ u Trasferimenti Oħra*

38. Taxxa fuq bejgħ u trasferimenti oħra.
39. Taxxa fuq trasferiment ta' karozza bil-mutur.
40. Trasferiment ta' karozza bil-mutur issir bil-miktub.
41. Taxxa fuq trasferimenti f'bejgħ bl-irkant.
42. Konċessjonijiet b'enfitewsi.
43. Taxxa fuq valuri negozjabbli.
44. Trasferiment ta' valuri negozjabbli isir bil-miktub.
45. Taxxa fuq valuri negozjabbli mixtrija barra minn Malta.
46. Nuqqas li jkunu ppreżentati kitbiet, eċċ.
47. Penali għall-ksur ta' l-artikoli 38, 39,40, 41, 42, 43, 44, 45 u 48.
48. Responsabbiltà ta' sensala, mandatarji, eċċ., li jagħmlu akkwisti, eċċ, ta' valuri negozjabbli f'Malta jew barra.
49. Kif għandhom jiġu ndikati t-taxxi msemmija fl-artikoli 38, 39, 41, 42 u 43.
50. Min għandu jħallas it-taxxa fuq it-trasferimenti.
51. Responsabbiltà tan-nutara.
52. Nutar jagħti avviż ta' atti suġġetti għat-taxxa.
53. Akkwist bi rkupru mill-Gvern.

Titlu IV

*Stimi u Prezzaturi*

54. Taxxa fuq stimi u valutazzjonijiet.
55. Responsabbiltà ta' stimaturi.
56. Taxxa fuq stimi, eċċ, ta' diversi immobbli.

Titlu V

*Irċevuti*

57. Taxxa fuq irċevuti.
58. Tifsir ta' "irċevuta".
59. Fejn għandha titħallas taxxa fuq irċevuti.
60. Penali dwar irċevuti.
61. Ħelsien mit-taxxa.

TAQSIMA IV

*Dokumenti li fuqhom għandha titħallas it-taxxa qabel ma jsir użu minnhom*

62. Taxxa fuq dokumenti magħmulin barra minn Malta.

TAQSIMA V

*Ħlas lura ta' Taxxa*

63. Ħlas lura ta' taxxa.

TAQSIMA VI

*Disposizzjoni Transitorja*

64. Tħassir u riżerva.

SKEDI

L-Ewwel Skeda
It-Tieni Skeda
It-Tielet Skeda

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ANTON BUTTIGIEG
President

31 ta' Lulju, 1981

## ATT Nru. XXXI ta' l-1981

*ATT biex jipprovdi għall-imposizzjoni ta' taxxa fuq ċerti dokumenti*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

### TAQSIMA I

*Preliminari*

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1981 dwar it-Taxxa fuq Dokumenti.

Tifsir.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra:

Kap. 23

"beni immobbli" għandha l-istess tifsir mogħti lilha bl-artikolu 348 tal-Kodiċi Ċivili;

"ċekk" tinkludi *travellers' cheque, dividend warrant* u *banker's draft;*

"dokument" tinkludi ċekk, polza ta' assigurazzjoni, fattura u att nutarili;

"firma" tinkludi kull marka jew dikjarazzjoni magħmula minflok firma;

"korp ta' persuni" tinkludi kull soċjetà, *fellowship* jew għaqda ta' persuni, sew jekk korporata jew mhux korporata jew sew jekk vestita b'personalità ġuridika sew jekk le;

"Kummissarju" tfisser il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni;

"Malta" għandha t-tifsir mogħti lilha fl-artikolu 126 tal-Kostituzzjoni;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-finanzi;

"preskritt" tfisser preskritt b'regolamenti taħt dan l-Att;

"Qorti" tfisser xi waħda mill-qrati msemmija fl-artikoli 3 u 4 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u kull bord jew tribunal imwaqqaf b'liġi; Kap. 15

"taxxa" tfisser it-taxxa mposta b'dan l-Att;

"trasferiment" tinkludi kull assenjazzjoni, traslazzjoni, bejgħ, diviżjoni, donazzjoni, kostituzzjoni tad-dota, ftehim ta' xiri bin-nifs u kull akkwist taħt xi titolu ieħor, iżda ma tinkludix xi akkwist *causa mortis;*

"valur negozjabbli" tinkludi kull azzjoni, *stock, debenture, bond* u kull interess f'xi kumpannija jew korporazzjoni u kull dokument li jirrappreżenta lil dawn.

## TAQSIMA II

### *Disposizzjonijiet Ġenerali*

Taxxi.

**3.** Għandhom jinġabru mill-Kummissarju f'isem il-Gvern, it-taxxi speċifikati f'dan l-Att skond d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

Kif titħallas it-taxxa.

**4.** (1) It-taxxa dwar kull dokument magħmul f'Malta għandha titħallas fl-Uffiċċju tal-Kummissarju fi żmien tmint ijiem tax-xogħol wara li d-dokument ikun finalizzat:

Iżda l-Ministru jista' jippreskrivi li l-ħlas ta' taxxa dwar xi dokument jiġi ndikat b'boll stampat, b'bolla mpressa jew ibbuzzata, jew bi *franking machines* jew b'xi mod ieħor, u li l-ħlas li għandu jiġi ndikat kif intqal qabel għandu jitħallas qabel ma d-dokument relattiv jiġi magħmul, iffirmat jew finalizzat:

Iżda wkoll il-Ministru jista' wkoll jippreskrivi li l-ħlas ta' taxxa fuq iktar minn dokument wieħed ta' l-istess xorta magħmulin f'perijodi stabbiliti jista' jsir bi ħlas wieħed fl-aħħar ta' dak il-perijodu.

(2) Fil-każ ta' dokumenti magħmula barra minn Malta li għandhom iħallsu taxxa minħabba l-użu tagħhom f'Malta skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, it-taxxa għandha titħallas qabel ma jsir l-użu tagħhom f'Malta.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu:

(a) meta dokument ikun irid jiġi ffirmat minn żewġ persuni jew iktar, dan id-dokument jitqies li ġie finalizzat mal-firma tal-persuna li tkun iffirmat l-aħħar;

(b) att nutarili jitqies li hu finalizzat meta jiffirmah in-nutar li jippubblikah.

Dokumenti suġġetti għal taxxa.

**5.** Kull dokument suġġett għal taxxa taħt dan l-Att jitqies li hekk ikun sar suġġett jew mill-oriġini tiegħu jekk ikun magħmul f'Malta jew minħabba l-użu li jsir minnu jekk ikun magħmul barra minn Malta.

Taxxa fuq dokumenti magħmulin barra minn Malta.

**6.** (1) Dokumenti magħmulin barra minn Malta titħallas taxxa fuqhom meta jsir użu minnhom f'Malta, jekk dak id-dokument kien ikun hekk suġġett għat-taxxa skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, kieku kien magħmul f'Malta.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, dokument magħmul barra minn Malta jitqies li sar użu minnu f'Malta, meta:

(a) jinġieb bħala prova quddiem xi qorti, arbitru jew perit; jew

(b) ikun mehmuż ma' att pubbliku jew ma' kitba privata; jew

(ċ) jinġieb quddiem xi awtorità jew persuna sabiex jiġi nfurzat; jew

(d) b'xi mod ikun li jkun issir il-kunsinna u l-passaġġ ġuridiku tiegħu; jew

(e) isir il-ħlas li għalih dak id-dokument jagħti dritt jew jagħmel obbligu.

Konservazzjoni ta' dokumenti.

**7.** Kull dokument imsemmi f'dan l-Att għandu jkun konservat mis-sid tiegħu għal mhux inqas minn sentejn wara dak in-nhar li tkun tħallset jew li kellha titħallas it-taxxa fuqu, u kull persuna li teqred jew titlef jew tonqos li turi xi dokument bħal dak qabel ma jgħaddi l-imsemmi perijodu teħel l-istess penali bħallikieku t-taxxa ma kenitx tħallset.

Dokumenti fuq iżjed minn ħaġa waħda.

**8.** Bla ħsara għal kull disposizzjoni oħra tal-liġi, meta dokument ikun fih jew ikun jirriferixxi għal ħwejjeġ separati u distinti, kull ħaġa minn dawn għandha tiġi separatament u distintament imħallsa t-taxxa fuqha daqslikieku kienet dokument għalih waħdu.

Dikjarazzjoni ta' valur.

**9.** Meta f'dokument li titħallas fuqu taxxa *ad volorem* il-valur ma jkunx jidher mid-dokument innifsu jew minn xi dokument ieħor mehmuż miegħu, jew imsemmi fih, il-partijiet għandhom jagħmlu dikjarazzjoni ta' dak il-valur skond ma jkunu jistmawh, u t-taxxa tiġi likwidata u mħallsa fuq il-valur hekk iddikjarat.

Proċedura sabiex jinstab il-valur ġust.

**10.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artiklu 53 ta' dan l-Att, meta fil-fehma tal-Kummissarju l-valur espress jew iddikjarat f'xi dokument ikun iżgħar mill-valur reali, fiż-żmien ta' l-eżekuzzjoni tad-dokument, huwa jista' jippreżenta rikors fil-Qorti ta' l-Appell fejn jitlob li l-valur reali jiġi stmat minn periti li jiġu maħtura skond ir-regoli tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(2) Jekk l-istima magħmula mill-periti kif intqal qabel tkun ikbar mill-valur espress jew dikjarat fid-dokument, il-persuna obbligata li tħallas it-taxxa għandha tħallas id-differenza bejn it-taxxa dovuta fuq il-valur kif stmat u t-taxxa mħallsa.

(3) Meta l-valur stmat mill-periti kif intqal qabel ikun iżjed mill-valur espress jew dikjarat fid-dokument b'iktar minn ottav tal-valur stmat mill-periti, il-persuna obbligata li tħallas it-taxxa għandha, b'żieda mat-taxxa li għandha titħallas skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, tħallas bħala penali somma addizzjonali, li tkun daqs l-ammont ta' taxxa kalkolat fuq il-valur totali kif stmat mill-periti kif intqal qabel.

(4) Il-Qorti tista' tordna li l-ispejjeż li jkunu saru għall-istima magħmula mill-periti, jitħallsu skond id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1), (2) u (3) ta' l-artikolu 221 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Responsabbilità tan-nutara għal dik li hija d-dikjarazzjoni ta' valur.

**11.** Kull nutar li jirċievi xi att mingħajr id-dikjarazzjoni tal-valur meta din id-dikjarazzjoni hija meħtieġa taħt l-artikolu 9 ta' dan l-Att, jew mingħajr ma jwissi lill-partijiet speċjalment bl-importanza tal-verità ta' dik id-dikjarazzjoni jew ma jniżżilx fl-att illi hu esegwixxa dan l-obbligu, jeħel penali ta' mhux inqas minn ħames liri u mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin lira, li tingħata mill-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Attijiet

Nutarili *ex officio* u l-ħlas tat-taxxa dovuta, li tiġi meqjusa mill-istess Qorti, jekk jinħtieġ permezz ta' periti, bi spejjeż tan-nutar, bla ħsara għall-jedd tiegħu ta' regress għall-ammont imħallas minnu għat-taxxa kontra l-parti l-oħra obbligata għall-ħlas tat-taxxa.

**12.** (1) Meta dak li jkollu jingħata bi ħlas ta' trasferiment jew il-valur li fuqu għandha titqies it-taxxa ikun jikkonsisti fi ħlas kull tant żmien għal dejjem, jew għal żmien ta' għoxrin sena jew iżjed, inkella għal żmien mhux determinat, titħallas taxxa *ad valorem* meqjusa fuq l-ammont kollu li jkun imissu jitħallas matul iż-żmien ta' għoxrin sena. Taxxi *ad valorem.*

(2) Jekk il-ħlas ta' kull tant żmien għandu jibqa' sejjer għal żmien determinat ta' inqas minn għoxrin sena, titħallas taxxa *ad valorem* meqjusa fuq l-ammont kollu li għandu jitħallas matul dak iż-żmien.

(3) Jekk il-ħlas ta' kull tant żmien għandu jibqa' sejjer matul il-ħajja ta' persuna waħda jew iktar, titħallas taxxa *ad valorem* meqjusa fuq l-ammont kollu li jkun imiss jitħallas matul tnax-il sena.

**13.** Meta taxxa *ad valorem* fuq dokument għandha titħallas dwar ammont espress f'munita barranija, it-taxxa tiġi kalkolata fuq dak l-ammont maqlub f'munita Maltija bir-rata tal-kambju kurrenti fil-jum taddata tad-dokument. Kif hija kalkolata taxxa *ad valorem* f'xi każijiet.

**14.** Kull dokument suġġett għal taxxa taħt dan l-Att u li fuqu ma tkunx tħallset taxxa, ma jistgħax, ħlief fi proċeduri kriminali, jinġieb bħala prova quddiem xi Qorti, arbitru jew perit. Meta jinġiebu dokumenti, li fuqhom ma kenitx tħallset taxxa quddiem il-qrati, l-arbitri jew il-periti.

**15.** (1) Meta ma jitħallix jinġieb dokument taħt l-artikolu 14 ta' dan l-Att, ir-Reġistratur tal-Qrati, l-arbitru jew il-perit, skond il-każ, għandu jġib għall-attenzjoni tal-persuna li tkun bi ħsiebha ġġib id-dokument bħala prova għall-fatt li t-taxxa fuq dak id-dokument ma tkunx tħallset, u għandu fi żmien jumejn jirraporta dan il-fatt lill-Kummissarju. Dmirijiet ta' persuna li quddiemha dokumenti li fuqhom ma tħallsitx taxxa biex tirrapporta lill-Kummissarju.

(2) Jekk dak l-uffiċjal jew persuna jonqsu li jagħmlu dak ir-rapport, huma jkunu suġġetti li jeħlu penali ta' mhux inqas minn ħames liri u mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin lira.

**16.** (1) Il-ħlas ta' xi penali mposta taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ma teħlisx lil xi persuna suġġetta li tħallas taxxa taħt dan l-Att minn xi obbligu li tħallas kull taxxa bħal dik jew xi parti minnha li tkun għada mhux imħallsa. Responsabbiltà ta' penali ma jkollhiex x'taqsam mal-ħlas ta' taxxa.

(2) Il-ħlas ta' kull taxxa ma teħles lil ebda persuna minn xi responsabbiltà għal xi nuqqas li għalih setgħet tiġi mposta fuqha penali skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att fiż-żmien li tkun tħallset it-taxxa.

**17.** (1) Ħlief kif provdut espressament xort'oħra, il-penalitajiet kollha li jistgħu jiġu mposti taħt dan l-Att għandhom jiġu mposti mill-Kummissarju u għandhom jitħallsu lilu, u l-azzjonijiet kollha għall-ġbir ta' kull taxxa li għandha titħallas u ta' kull penali mwaħħla taħt dan l-Att, tittieħed mill-Kummissarju quddiem il-Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili, u d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom japplikaw dwar dik il-penali jew taxxa. Azzjoni biex tinġabar penali tittieħed mill-Kummissarju.

(2) Iżda ma jinbdew ebda proċedimenti kontra l-kontravventur li, fi żmien tmint ijiem mill-avviż mogħti lilu mill-Kummissarju, iħallas it-taxxa li jkollha titħallas fuq id-dokument flimkien ma' l-inqas waħda mill-penalitajiet dovuti skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

(3) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu ma jgħoddux għall-każijiet li fihom il-penali għandha tiġi mogħtija mill-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Attijiet Nutarili *ex officio,* jew fejn, fil-fehma tal-Kummissarju, in-nuqqas ikun ġie penalizzat biżżejjed bl-għoti ta' l-inqas penali dwaru.

**Preskrizzjoni ta' azzjoni għall-ġbir ta' penali.**

**18.** L-azzjoni għall-ġbir ta' kull penali mposta bis-saħħa ta' dan l-Att ma tistax tiġi eżerċitata wara l-egħluq ta' ħames snin minn dak inhar li jkun sar in-nuqqas:

Iżda ma għandu jsir ebda użu minn xi dokument li fuqu t-taxxa li għandha titħallas taħt dan l-Att ma tkunx tħallset kollha.

**Setgħat ta' uffiċjali pubbliċi awtorizzati biex jeżaminaw dokumenti, eċċ.**

**19.** (1) Kull uffiċjal pubbliku mogħti s-setgħa mill-Ministru sabiex jiżgura li d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ikunu qed jiġu mħarsa jista' jidħol kull meta jrid f'kull uffiċċju, bank jew stabbiliment ieħor.

(2) Dan l-uffiċjal jista' wkoll jitlob lil kull persuna biex iġġib kull dokument suġġett għat-taxxa, u jaqbad kull dokument li dwaru d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ma jkunux tħarsu.

(3) L-eżami ta' attijiet nutarili għandu jsir mill-Viżitaturi li jiffurmaw il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Attijiet Nutarili.

(4) L-uffiċjal fuq imsemmi hu marbut bis-sigriet dwar dak kollu li jsir jaf bih waqt l-eżami fuq imsemmi u ma jistax jikxef ir-riżultat ta' dak l-eżami ħlief lill-awtoritajiet kompetenti.

Kap. 12

(5) Bla ħsara għal kull disposizzjoni tal-Kodiċi Kriminali meta l-fatt jikkostitwixxi delitt suġġett għal piena ogħla, kull persuna li ma tħallix jew tfixkel lill-imsemmi uffiċjal fil-qadi ta' dmirijietu, jew tonqos li tobdi l-ordnijiet magħmula minn dak l-uffiċjal skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iktar minn ħamsin lira jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

**Piena għal min jiffalsifika, eċċ, konnijiet, eċċ.**

**20.** (1) Jekk xi persuna —

(a) tiffalsifika xi kon, timbru jew xi strument ieħor użat mill-Gvern jew taħt is-setgħa tiegħu, sabiex jindika l-ħlas ta' taxxa; jew

(b) tbiegħ jew toffri għall-bejgħ, tispaċċa jew tagħmel użu ta' xi konnijiet, timbri, strumenti iffalsifikati wżati mill-Gvern jew taħt is-setgħa tiegħu, sabiex jindikaw il-ħlas ta' taxxa, jew xi impressjoni magħmula bihom, meta tkun taf li dawn huma ffalsifikati; jew

(ċ) xjentement u bla raġuni leġittima (li l-prova tagħha tmiss lill-akkużat) tinstab fil-pussess ta' konnijiet, jew timbri jew strumenti iffalsifikati wżati mill-Gvern jew taħt is-setgħa tiegħu, biex jindikaw il-ħlas ta' taxxa jew ta' xi impressjoni magħmula bihom,

teħel priġunerija ta' minn tlettax-il xahar sa tliet snin.

(2) L-istess piena stabbilita bis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tapplika wkoll għal kull persuna li mingħajr awtorità legali tagħmel użu ta' kon, timbru jew strument ieħor ġenwin użat mill-Gvern jew taħt is-setgħa tiegħu biex jindika l-ħlas ta' taxxa.

**21.** Fid-delitti msemmija fl-artikolu 20 ta' dan l-Att, kull wieħed mill-ħatjin li, qabel ma jibdew xi proċedimenti, jagħti tagħrif dwar dawn lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lil xi awtoritajiet oħra kompetenti jkun eżentat mill-pieni. Ħelsien mill pieni.

**22.** (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex jiżgura l-ħlas tat-taxxa u b'mod ġenerali sabiex jagħti effett lid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, u b'mod partikolari, iżda bla ħsara għall-ġeneralità għal dak li ntqal qabel — Setgħa għall-egħmil ta' regolamenti.

(a) biex jirregola l-ħlas tat-taxxa fuq kull kategorija ta' dokumenti li ma jsirx fl-uffiċċju tal-Kummissarju;

(b) biex jordna r-reġistrazzjoni jew l-għoti ta' avviż ta' xi klassi ta' dokumenti li fuqhom titħallas taxxa, u biex jippreskrivi l-forma ta' dik ir-reġistrazzjoni jew ta' dak l-avviż, iż-żmien li fih għandha ssir dik ir-reġistrazzjoni jew jingħata dak l-avviż, il-persuni obbligati li jagħmlu dik ir-reġistrazzjoni jew jagħtu dak l-avviż, l-uffiċċju li fih jew li lilu jsiru dawk ir-reġistrazzjonijiet jew jingħataw dawk l-avviżi, u l-effetti u s-sanzjonijiet ċivili konsegwenzjali għan-nuqqas tar-reġistrazzjonijiet jew ta' l-għoti ta' l-avviżi;

(ċ) biex jirregola l-mod li bih tiġi ndikata t-taxxa fuq xi kategorija partikolari ta' dokumenti;

(d) biex jippreskrivi kull ħaġa li tista' tiġi preskritta skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) Ir-regolamenti jistgħu jipprovdu għall-impożizzjoni ta' penali ta' mhux iżjed minn elf lira għal kull nuqqas ta' tħaris, liema penali għandha tinġabar kif provdut fl-artikolu 17 ta' dan l-Att.

**23.** Il-Ministru jista' b'ordni jagħti direttiva li dokument speċifikat li dwaru titħallas taxxa taħt dan l-Att, ikun ħieles mit-taxxa għal kollox jew f'parti. Setgħa tal-Ministru li jagħti ħelsien mit-taxxa.

**24.** Il-Kummissarju għandu s-setgħa li jaħfer jew inaqqas, fid-diskrezzjoni tiegħu, kull penali dovuta taħt dan l-Att, barra minn penali ordnata mill-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Attijiet Nutarili. Setgħa tal-Kummissarju li jaħfer jew inaqqas penalitajiet.

## TAQSIMA III

### *Dokumenti suġġetti għat-taxxa sa mill-oriġini tagħhom*

### Titlu I

### *Ċekkijiet*

**25.** Għandha titħallas taxxa ta' żewġ ċenteżmi fuq kull ċekk: Ċekkijiet.

Iżda ma għandha titħallas ebda taxxa dwar kull ċekk maħruġ f'isem il-Gvern.

**26.** (1) Ir-responsabbiltà għall-ħlas ta' taxxa fuq ċekkijiet tkun tal-bank li joħroġ il-forma taċ-ċekk u fuq kull bank jew negozjant ieħor awtorizzat biex ibiegħ jew isarraf ċekk. Responsabbiltà dwar ċekkijiet.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu "negozjant awtorizzat" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha fl-Att ta' l-1972 dwar il-Kontroll fuq il-Kambju. Att XLIX ta' l-1972.

Penali għal nuqqas ta' ħlas ta' taxxa fuq ċekkijiet.

**27.** Kull persuna li tonqos li tħares id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 25 ta' dan l-Att tista' teħel penali ta' mhux iżjed minn għaxar liri dwar kull ċekk li fuqu ma tkunx tħallset taxxa.

Titlu II

*Poloz ta' Assigurazzjoni*

Taxxa inizjali fuq polza ta' assigurazzjoni.

**28.** Għandha titħallas fuq kull polza ta' assigurazzjoni taxxa ta' għaxar ċenteżmi li magħhom għandhom jingħaddu t-taxxi speċifikati fl-artikoli li ġejjin skond ix-xorta ta' poloz ta' assigurazzjoni fihom imsemmija.

Taxxa fuq polza ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja.

**29.** Għandha titħallas fuq kull polza ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja taxxa ta' għaxar ċenteżmi fuq kull mitt lira jew parti minnha tas-somma assigurata.

Tifsira ta' "polza ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja".

**30.** Għall-fini ta' dan l-Att, il-frażi "polza ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja" tfisser polza ta' assigurazzjoni fuq xi ħajja waħda jew iktar jew fuq xi ġrajja jew kontinġenza dwar jew li tiddependi minn xi ħajja waħda jew iktar, barra minn polza ta' assigurazzjoni għal xi ħlas li skond ftehim għandu jsir mal-mewt ta' xi persuna biss minħabba aċċident jew vjolenza biss jew xort'oħra milli b'kawża naturali.

Taxxa fuq poloz ta' assigurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni jew assigurazzjonijiet komprensivi. Kap. 165.

**31.** (1) Għandha titħallas taxxa ta' ħmistax-il ċenteżmu fuq kull polza ta' assigurazzjoni maħruġa dwar kull vettura tal-mutur skond u għall-għanijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni u mhux għal xi għanijiet oħra.

(2) Għandha titħallas taxxa ta' ħamsa u għoxrin ċenteżmu fuq kull polza ta' assigurazzjoni maħruġa dwar kull vettura tal-mutur għal għanijiet oħra barra dak imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u sew jekk il-għan imsemmi f'dak is-subartikolu (1) jkunx imdaħħal jew le fost l-għanijiet tal-polza.

(3) F'dan l-artikolu, "vettura tal-mutur" għandha l-istess tifsir mogħti lilha fl-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni.

Taxxa fuq poloz ta' assigurazzjoni li dwarhom m'hemm ebda disposizzjoni għaliha.

**32.** Għandha titħallas fuq kull polza ta' assigurazzjoni li dwarha dan l-Att ma jagħmel ebda disposizzjoni għaliha, taxxa ta' tliet ċenteżmi fuq kull lira jew parti minnha tal-ħlas fis-sena miftiehem, jew, jekk ikun hemm ftehim li titħallas somma f'daqqa waħda, ta' dak il-ħlas f'daqqa.

Kontrasenjar ta' poloz ta' assigurazzjoni.

**33.** (1) Kull kontrosenja ta' polza ta' assigurazzjoni titħallas taxxa fuqha bħal polza ġdida jekk l-effett tal-kontrosenja jkun li jsir tibdil fil-polza dwar —

(a) il-persuna jew il-ħaġa assigurata; jew

(b) ir-riskji assigurati; jew

(ċ) kemm se ddum il-polza.

(2) Meta xi kontrosenja żżid l-ammont ta' assigurazzjoni jew tal-*premium,* it-taxxa għandha titħallas fuq dik il-polza kif kontrosenjata iżda għandha tiġi kunsidrata kull taxxa li tħallset dwar il-polza.

(3) Għandha titħallas dwar kull kontrosenja ta' poloz li dwarhom ma hemmx provdut taħt is-subartikolu (1) jew (2) ta' dan l-artikolu, taxxa ta' għaxar ċenteżmi.

**34.** Kull persuna li —

Polza ta' assigurazzjoni tinħareġ ma' kull ftehim ta' assigurazzjoni.

(a) tidħol bħala assiguratur ta' waħda mill-assigurazzjonijiet imsemmija fl-artikoli ta' qabel dan, jew bħala assiguratur tagħmel kuntratt għal waħda minn dawk l-assigurazzjonijiet, jew direttament jew indirettament tirċievi *premium* jew dritt għal waħda jew oħra minn dawk l-assigurazzjonijiet, jew tagħmel ftehim dwar dak il-*premium* jew dritt, jew takkredita ruħha bihom fil-kontijiet, jew xjentement tieħu fuqha riskju, jew tobbliga ruħha għall-ħlas, jew tħallas, somma ta' flus għal telf, riskju jew ġrajja dwar waħda jew oħra mill-assigurazzjonijiet fuq imsemmija, meta l-assigurazzjoni ma tkunx imsemmija f'polza ta' assigurazzjoni; jew

(b) bħala assigurat, tagħmel jew teżegwixxi, jew xjentement iġġiegħel li tiġi magħmula jew tiġi eżegwita waħda jew oħra mill-assigurazzjonijiet imsemmija fl-artikoli ta' qabel dan, jew direttament jew indirettament tagħti jew tħallas, jew tobbliga ruħha li tħallas, *premium* jew dritt għal dik l-assigurazzjoni, jew tagħmel kuntratt għal dik l-assigurazzjoni, meta l-assigurazzjoni ma tkunx imsemmija f'polza ta' assigurazzjoni; jew

(ċ) tieħu sehem f'xi qerq jew ingann jew issir ħatja ta' attijiet dolużi, ta' traskuraġni, jew ta' nuqqas, bil-ħsieb li teħles mit-taxxi li jkollhom jitħallsu fuq poloz ta' assigurazzjoni, jew li bihom it-taxxi jistgħu jinħarbu kollha jew biċċa minnhom,

teħel għal kull reat, penali ta' mhux inqas minn għaxar liri iżda mhux iżjed minn mitt lira.

Responsabbiltà biex titħallas taxxa fuq poloz ta' assigurazzjoni.

**35.** Kull persuna li toħroġ jew tiffirma xi polza ta' assigurazzjoni imsemmija fl-artikoli ta' qabel dan, għandha tħallas taxxa fuqha skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmula taħtu.

Penali għal nuqqas li titħallas taxxa fuq polza ta' assigurazzjoni.

**36.** Kull persuna li tonqos li tħares id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 35 ta' dan l-Att teħel penali ta' mhux inqas minn għaxar liri iżda mhux iżjed minn mitt lira.

Kopji ta' poloz ta' assigurazzjoni li fuqhom ma tkunx tħallset it-taxxa.

**37.** Kull persuna li tagħmel jew toħroġ jew iġġiegħel li jsir jew li jinħareġ dokument li jidher li jkun kopja ta' polza ta' assigurazzjoni suġġetta għat-taxxa meta fil-fatt ma tkunx fis-seħħ, dak iż-żmien, polza bħal dik, teħel, flimkien ma' kull penali oħra li għaliha tkun suġġetta, penali ta' mhux inqas minn għaxar liri iżda mhux iżjed minn mitt lira.

## Titlu III

### *Bejgħ u Trasferimenti Oħra*

Taxxa fuq bejgħ u trasferimenti oħra.

**38.** (1) Għandha titħallas fuq kull dokument u fuq kull sentenza, digriet jew ordni ta' kull Qorti jew awtorità oħra leġittima, li bihom ħaġa immobbli jew xi dritt proprju fuq xi immobbli jew fuq xi bastiment jew ajruplan jew fuq xi interessi f'xi bastiment jew ajruplan, jiġu trasferiti lil xi persuna oħra, taxxa ta' £2.60c fuq kull £100 jew parti minnha ta' l-ammont jew tal-valur ta' dak li jingħata

bil-ħlas tal-ħaġa trasferita jew tal-valur ta' dik il-ħaġa, liema jkun l-akbar.

Kap. 23

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jgħoddu wkoll għaċ-ċessjoni ta' krediti jew jeddijiet oħra, imsemmija fis-Sub-Titlu VII tat-Titlu VI tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili kif ukoll għal kull kuntratti ta' antikresi meta ż-żmien miftiehem għar-radd ta' dejn li fuqu jkun sar il-kuntratt ta' antikresi jkun ta' iżjed minn sittax-il sena jew ikun jista' jiġi mtawwal għal iżjed minn sittax-il sena.

Taxxa fuq trasferiment ta' karozza bil-mutur.

**39.** Kull dokument li fih xi karozza bil-mutur kif imfissra fl-Ordinanza dwar ir-Regulament tat-Traffiku, sew bil-liċenza jew mingħajr liċenza, jew b'dik il-liċenza biss, tiġi trasferita, ikun suġġett għat-taxxa kif meqjusa hawn taħt:

| | |
|---|---|
| meta l-ammont jew il-valur ikun inqas minn £3,000 ... | £2.50c kull £100 jew parti minnha |
| meta l-ammont jew il-valur ikun £3,000 jew aktar ... | £3.00 kull £100 jew parti minnha. |

Meta l-liċenza tkun hekk trasferita mal-karozza bil-mutur l-ammont jew il-valur dwar il-liċenza, sabiex tiġi meqjusa t-taxxa, jingħadd ma' dak tal-karozza bil-mutur.

Trasferiment ta' karozza bil-mutur isir bil-miktub.

**40.** (1) Bla ħsara għal kull liġi li tippreskrivi att pubbliku, kull trasferiment li għalih japplikaw l-artikoli 38 u 39 ta' dan l-Att, taħt il-piena tan-nullità, għandu jsir bil-miktub.

(2) Ma għandu jiġi reġistrat ebda trasferiment ta' xi bastiment, ajruplan jew karozza bil-mutur minn xi awtorità mwaqqfa b'liġi għal dan l-għan, qabel ma tinġieb prova lil dik l-awtorità li t-taxxa dovuta skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, kienet diġà tħallset.

Taxxa fuq trasferimenti f'bejgħ bl-irkant.

**41.** (1) Meta, f'bejgħ b'irkant ta' mobbli, l-ammont totali mħallas fuq l-oġġett jew l-oġġetti mixtrija minn persuna waħda — barra minn oġġetti ta' l-ikel u xorb — ikun iżjed minn mitt lira — għandu jitħallas fuq il-*memorandum* li fuqha jkun imniżżel dak il-bejgħ u li għalih jirriferi dan l-artikolu, taxxa ta' £2.60c għal kull £100 jew parti minnha tal-prezz imħallas minn dak ix-xerrej.

(2) Kull irkantatur għandu jżomm *memorandum* ta' kull bejgħ li sar minnu f'bejgħ b'irkant.

(3) Il-*memorandum* ikun fiha deskrizzjoni ta' l-oġġett mibjugħ, il-prezz u n-numru tiegħu, id-data tal-bejgħ, l-isem u l-indirizz ta' min xtara l-oġġett, l-ammont totali mħallas mix-xerrej għall-oġġett jew oġġetti mixtrija u t-taxxa li tkun dovuta skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

(4) Il-*memorandum* għandha tinżamm f'forma ta' ktieb.

(5) Kull irkantatur li jonqos milli jħares id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, jeħel piena ta' mhux inqas minn għaxar liri iżda mhux iżjed minn £100 għal kull nuqqas bħal dak.

Konċessjonijiet b'enfitewsi.

**42.** (1) Fuq il-kuntratti ta' enfitewsi kollha titħallas taxxa kalkolata fuq iċ-ċens li jitħallas kull sena, kif miġjub hawn taħt:

| | |
|---|---|
| jekk iż-żmien ma jkunx iżjed minn 25 sena ... ... | £6 kull £100 jew parti minnha |
| jekk iż-żmien ikun iżjed minn 25 sena iżda mhux iżjed minn 50 sena ... ... | £30 kull £100 jew parti minnha |

| | |
|---|---|
| jekk iż-żmien ikun iżjed minn 50 sena iżda mhux iżjed minn 75 sena ... ... | £40 kull £100 jew parti minnha |
| jekk iż-żmien ikun iżjed minn 75 sena ... ... ... | £50 kull £100 jew parti minnha. |

(2) Meta ż-żmien ta' l-enfitewsi jista' jiġi mtawwal, jew hu mtawwal, jew meta żewġ konċessjonijiet ta' enfitewsi jew iktar isiru dwar l-istess immobbli favur l-istess enfitewta jew is-suċċessur tiegħu, it-taxxa għandha tiġi meqjusa bir-rati applikabbli għaż-żmien kollu tal-konċessjoni jew konċessjonijiet ta' enfitewsi, iżda jingħata kont għal kull taxxa diġà mħallsa dwarhom.

Taxxa fuq valuri negozjabbli.

**43.** (1) Għandha titħallas fuq kull dokument li bih jiġi trasferit valur negozjabbli barrani lil, jew minn, xi persuna f'Malta, taxxa ta' żewġ liri għal kull mitt lira jew parti minnha tal-valur reali ta' dak il-valur negozjabbli:

Iżda ma titħallas ebda taxxa meta dak it-trasferiment isir permezz ta' bank lokali.

(2) Għandha titħallas fuq kull dokument li bih valur negozjabbli, barra minn dawk imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ikun trasferit lil jew minn persuna f'Malta, taxxa ta' żewġ liri għal kull mitt lira jew parti minnha tal-valur reali ta' dak il-valur negozjabbli:

Iżda ma' l-allokazzjoni ta' kull azzjoni jew *stock* maħruġ ġdid ta' kumpanija anonima li tkun reġistrata skond l-artikolu 73 ta' l-Ordinanza ta' l-1962 dwar is-Soċjetajiet Kummerċjali, it-taxxa li għandha titħallas taħt dan is-subartikolu tkun bir-rata ta' għaxar ċenteżmi għal ħamsa u għoxrin lira jew parti minnhom tal-valur reali ta' l-azzjoni jew ta' li *stock* minkejja li l-azzjoni jew li *stock* hekk allokat jew maħruġ ma jkunx tħallas għal kollox.

Trasferiment ta' valuri negozjabbli isir bil-miktub.

**44.** Kull trasferiment ta' valuri negozjabbli magħmul f'Malta għandu, taħt il-piena ta' nullità, isir bil-miktub.

Taxxa fuq valuri negozjabbli mixtrija barra minn Malta.

**45.** Meta t-trasferiment ta' kull valur negozjabbli barrani jiġi magħmul barra minn Malta fuq ordni mogħti direttament f'Malta minn xi persuni, dik il-persuna għandha tagħti avviż bil-miktub lill-Kummissarju ta' dak it-trasferiment fi żmien tmint ijiem tax-xogħol minn meta t-transazzjoni tiġi finalizzata.

Nuqqas li jkunu ppreżentati kitbiet, eċċ.

**46.** Meta xi persuna tonqos li tippreżenta lill-Kummissarju jew lill-uffiċjal imsemmi fl-artikolu 19, xi dokument suġġett għat-taxxa, jitqies li t-taxxa fuq dak id-dokument ma tħallsitx u l-Kummissarju jkun jista' jipproċedi għall-ġbir tat-taxxa u l-penali dovuta skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

Penali għall-ksur ta' l-artikoli 38, 39, 40, 41, 42, 43, 44, 45 u 48.

**47.** Bla ħsara kif provdut xort'oħra fl-artikolu 51 kull persuna li tonqos li tħares id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 38, 39, 40, 41, 42, 43, 44, 45 u 48 ta' dan l-Att teħel penali ta' mhux inqas minn għaxar liri iżda mhux iżjed minn ħames mitt lira.

Responsabbiltà ta' sensala, mandatarji, eċċ., li jagħmlu akkwisti, eċċ., ta' valuri negozjabbli f'Malta jew barra.

**48.** Kull sensal, mandatarju, jew persuna oħra li bħala intermedjarju jittrasferixxi xi valur negozjabbli li għalih jirreferi l-artikolu 43, għandu jagħmel id-dokument li juri dak it-trasferiment jekk it-trasferiment jiġi magħmul f'Malta jew jekk it-trasferiment jiġi magħmul barra minn Malta, jagħti avviż ta' dak it-trasferiment lill-persuna li għaliha jkun aġixxa fi żmien jumejn mit-trasferiment.

Kif għandhom jiġu ndikati t-taxxi msemmija fl-artikoli 38, 39, 41, 42 u 43.

**49.** It-taxxa dovuta fuq xi trasferiment imsemmi fl-artikoli 38, 39, 41, 42 u 43 għandha titħallas fl-Uffiċċju tal-Kummissarju fi żmien tmint ijiem tax-xogħol mid-data li fiha jitlesta t-trasferiment, u l-irċevuta tat-taxxa hekk imħallsa għandha tiġi mehmuża mad-dokument li għandu x'jaqsam mat-trasferiment.

Min għandu jħallas it-taxxa fuq it-trasferimenti.

**50.** Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 51 ta' dan l-Att, il-persuna li tittrasferixxi u dik li lilha jsir it-trasferiment, u meta t-trasferiment jiġi magħmul b'att pubbliku, in-nutar li jippubblika dak l-att, għandhom ikunu responsabbli *in solidum* għall-ħlas tat-taxxa dovuta fuq dak it-trasferiment:

Iżda t-taxxa dovuta fuq il-*memorandum* ta' xi bejgħ bl-irkant għandha titħallas mill-irkantatur, u x-xerrej ma jkunx intitolat li jieħu dak il-mobbli jekk l-ammont hekk imħallas ma jingħatax lura lill-irkantatur.

Responsabbilta' tan-nutara.

**51.** (1) Kull nutar li —

(a) jonqos li jħallas it-taxxa dovuta kollha jew parti minnha taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att fuq xi att riċevut minnu; jew

(b) jonqos li jehmeż ma' dak l-att l-irċevuta msemmija fl-artikolu 49; jew

(ċ) jonqos li jsemmi f'dak l-att l-ammont ta' taxxa hekk dovuta,

jeħel penali ta' mhux inqas minn lira iżda mhux iżjed minn ħamsin lira.

(2) Kull penali bħal din tingħata mill-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Attijiet Nutarili *ex officio* jew wara rikors magħmul mill-Avukat Ġenerali.

Nutar jagħti avviż ta' atti suġġetti għat-taxxa.

**52.** (1) Meta nutar jirċievi att ta' bejgħ ta' xi proprjetà immobbli suġġett għat-taxxa skond id-disposizzjoni ta' dan l-Att, dan għandu fiż-żmien preskritt għall-ħlas tat-taxxa jagħti avviż ta' dak l-att lill-Kummissarju.

(2) L-avviż ikun fil-forma murija fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

(3) Il-Kummissarju m'għandux jaċċetta l-ħlas tat-taxxa relattiva qabel ma jiġi ppreżentat l-imsemmi avviż.

(4) Kull nutar li jonqos li jagħti dak l-avviż jew li jagħti dettalji mhux korretti jew mhux kompleti jeħel penali ta' mhux inqas minn lira u mhux iżjed minn ħamsin lira.

Akkwist bi rkupru mill-Gvern.

**53.** (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, meta l-Ministru, li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat imsemmi fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, b'avviż pubblikat fil-Gazzetta, mhux aktar tard minn tmint ijiem wara li jirċievi l-imsemmija rakkomandazzjoni, jiddikjara li l-Gvern għandu l-ħsieb li jieħu fuqu l-bejgħ ta' xi proprjetà

immobbli speċifikata f'dik ir-rakkomandazzjoni, il-Kummissarju ta' l-Artijiet għandu, mhux iktar tard minn għaxart ijiem wara l-pubblikazzjoni ta' dak l-avviż, jieħu fuqu dak il-bejgħ f'isem il-Gvern billi jippreżenta fir-Reġistru fil-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Ċivili kompetenti ċedola ta' rkupru u depożitu (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "iċ-ċedola"). Dak il-bejgħ għandu jieħdu fuqu bil-prezz u bil-pattijiet u bil-kundizzjonijiet li jkunu jidhru fil-kuntratt tal-bejgħ.

(2) Għandu jkun hemm Kumitat (f'dan l-artikolu msemmi "l-Kumitat") li jkun magħmul minn ħames membri maħtura mill-Kamra tad-Deputati minn fost il-membri tagħha li minnhom wieħed ikun *Chairman*; iċ-*Chairman* u żewġ membri jiġu nominati mill-Prim Ministru u ż-żewġ membri l-oħra jiġu nominati mill-Kap ta' l-Oppożizzjoni.

(3) Il-Kumitat ikollu l-funzjoni li jirrakkomanda lill-Ministru jekk il-jedd ta' l-irkupru imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandux jiġi eżerċitat dwar xi proprjetà immobbli msemmija fis-subartikolu (7) ta' dan l-artikolu.

(4) Il-Kumitat jista' jaġixxi minkejja kull vakanza fost il-membri tiegħu, iżda ma għandux jaġixxi jekk inqas minn tliet membri jkunu preżenti.

(5) Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat jittieħdu b'maġġoranza tal-voti u fil-każ ta' voti ndaqs iċ-*Chairman* ikollu vot ieħor jew vot deċiżiv.

(6) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu l-Kumitat għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess u għandu d-dritt li jikseb, taħt dawk il-kundizzjonijiet li jidhirlu xierqa, kull parir jew fehma ta' espert minn fejn jidhirlu xieraq li jikkonsulta. Il-Kumitat ikollu wkoll is-setgħat kollha mogħtija bl-artikolu 6 ta' l-Att ta' l-1977 dwar l-Inkjesti daqslikieku kien Kumitat għall-finijiet ta' dak l-Att.

(7) Meta l-Kummissarju jkun sodisfatt li l-prezz ta' immobbli dikjarat fil-kuntratt tal-bejgħ ikun inqas minn tliet kwarti tal-valur reali tal-proprjetà mibjugħa, dan għandu jgħarraf b'dan lill-Ministru u l-Ministru għandu jirreferi l-każ biex jiġi kunsidrat mill-Kumitat.

(8) Meta l-Kumitat ikun jaqbel mal-fehma tal-Kummissarju, u jkun ukoll tal-fehma li l-kuntratt tal-bejgħ ma jirriflettix il-kundizzjonijiet vera tal-bejgħ, il-Kumitat jista' jagħmel rakkomandazzjoni lill-Ministru li l-bejgħ ta' l-immobbli magħmul lill-persuna speċifikata f'dik ir-rakkomandazzjoni għandu jieħdu fuqu l-Gvern bil-prezz u taħt il-pattijiet u l-kundizzjonijiet l-oħra li jidhru fuq id-dokument li bih ikun sar il-bejgħ:

Iżda ma għandha ssir ebda rakkomandazzjoni taħt dan l-artikolu, lanqas ma jkollha effett jekk issir, wara li jgħaddu sitt xhur mill-jum li fih jiġi riċevut mill-Kummissarju l-avviż imsemmi fl-artikolu 52 ta' dan l-Att.

(9) Il-jedd tal-Gvern li jieħu fuqu l-bejgħ kif imsemmi f'dan l-artikolu jista' jiġi eżerċitat mhux biss kontra x-xerrej iżda wkoll kontra kull persuna oħra li favur tagħha tkun għaddiet il-proprjetà.

(10) (a) Il-preżentata ta' ċedola taħt dan l-artikolu għandha, dwar il-proprjetà li għaliha tirriferi ċ-ċedola, taħdem bl-istess mod u jkollha l-istess saħħa u effett bħal sentenza li direttament tiġġudika t-trasferiment lill-Gvern ta' proprjetà immobbli, jew dritt reali ieħor fuqha, muri fiċ-ċedola; u mal-preżentata taċ-ċedola dik il-proprjetà tgħaddi għand il-Gvern libera u franka minn kull privileġġ, ipoteka, servitù jew piż ieħor li setgħet tgħabbiet bih wara l-bejgħ li minnu inħoloq il-jedd li jieħu fuqu l-bejgħ eżerċitabbli taħt dan l-artikolu.

(b) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 237 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandha tapplika għal ċedola kif tapplika għal sentenza kif imsemmi fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu, u għall-finijiet ta' dak l-artikolu l-Kummissarju ta' l-Artijiet ikun parti nteressata li jkollu l-jedd li jikseb ir-reġistrazzjoni tat-trasferiment tal-proprjetà li għalih tirreferi ċ-ċedola.

Kap. 23

(11) Sakemm ma jkunx kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli mill-1490 sa' l-1540 (it-tnejn inklużi) tal-Kodiċi Ċivili dwar il-jedd ta' irkupru għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għall-jedd mogħti b'dan l-artikolu u għaċ-ċedola msemmija fih.

## Titlu IV

### *Stimi u Valutazzjonijiet*

Taxxa fuq stimi u valutazzjonijiet.

**54.** (1) Għandha titħallas fuq kull stima jew valutazzjoni taxxa ta' għoxrin ċenteżmu fuq kull mitt lira jew parti minnha ta' l-ammont ta' l-istima jew tal-valutazzjoni:

Iżda jiġu eżentati minn taxxa stimi u valutazzjonijiet:

(a) magħmula minn kull Dipartiment tal-Gvern għal għan pubbliku;

(b) magħmula għall-finijiet ta' proċedimenti kriminali;

(ċ) magħmula għal fini ta' digriet tal-Qorti Ċivili, Sekond'Awla.

(2) Kull kopja legali ta' xi dokument li għalih jirreferi l-proviso għas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, tkun suġġetta għat-taxxa meqjusa bir-rata stabbilita fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, meta l-valur tal-kera ta' immobbli jew il-kumpens perjodiku u rikorrenti li jitħallas dwar xi dritt fuq l-immobbli jkun stabbilit f'valutazzjoni jew stimi, it-taxxa tkun maħduma fuq l-ammont li jirriżulta meta tikkapitalizza l-kera jew il-ħlas għal sena bil-ħamsa fil-mija.

(4) Ma għandha titħallas ebda taxxa meta l-ammont stmat jew valutat ikun inqas minn hames mitt lira.

Responsabbiltà ta' stimaturi.

**55.** (1) Kull stimatur, li jagħmel stima jew valutazzjoni suġġetta għat-taxxa, għandu, fi żmien erbatax-il jum minn dak in-nhar li jagħmilha, iniżżilha bil-miktub.

(2) Kull stimatur li —

(a) jonqos li jimxi mad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu; jew

(b) jikxef l-ammont ta' l-istima jew tal-valutazzjoni qabel ma jniżżilha bil-miktub; jew

(ċ) jonqos li jħallas it-taxxa kollha jew parti minnha dovuta fuq dik l-istima jew fuq dik il-valutazzjoni,

jeħel penali ta' mhux inqas minn lira u mhux iżjed minn ħamsin lira.

(3) Kull persuna li tirċievi mingħand xi stimatur jew tħallas biex issir dik l-istima jew dik il-valutazzjoni mhux hekk miktuba jew li fuqha ma tħallsitx taxxa kif intqal qabel, teħel il-penali provduta fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu.

**56.** It-taxxa dovuta dwar kull stima jew valutazzjoni ta' diversi immobbli għandha tiġi meqjusa u mħallsa separatament għal kull immobbli, minkejja li l-istima jew il-valutazzjoni tkun saret f'dokument wieħed.

Taxxa fuq stimi, eċċ., ta' diversi immobbli.

## Titlu V

### *Irċevuti*

**57.** (1) Fuq kull irċevuta ta' flus mogħtija b'depożitu jew bi ħlas, titħallas taxxa ta' ħames ċenteżmi għal kull mitt lira jew parti minnha.

Taxxa fuq irċevuti.

(2) L-irċevuti mħollijin għal depożitu jew kunsinna ta' *stock* jew ta' xi valur negozjabbli ieħor, huma suġġetti għal taxxa meqjusa kif stabbilit fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu. Din it-taxxa tiġi kalkolata fuq il-valur reali ta' li *stock* jew ta' dak il-valur negozjabbli dak in-nhar li tingħata l-irċevuta.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu kull irċevuta mogħtija fuq flus depożitati f'xi bank, jew ma' xi bankier f'Malta, li għandhom jidħlu fil-kontijiet u li jkunu espressi bħala riċevuti mingħand il-persuna li fil-kont tagħha għandhom jidħlu, tkun eżentata mit-taxxa jkun li jkun l-ammont ta' dak id-depożitu.

**58.** Għall-finijiet ta' dan it-Titlu, "irċevuta" tfisser kull dokument mogħti b'ħelsien, għal kollox jew f'parti, fuq ħlas ta' flus jew fuq tpaċija jew akkreditament, jew meta jiġi annullat dejn li kien jeżisti qabel, u tinkludi kull kitba li biha wieħed igħarraf li flus jew valur negozjabbli ġew irċevuti ,depożitati jew mgħoddija, kif ukoll kull ittra li b'kull mod li jkun tintbagħat sabiex tgħarraf ir-riċeviment ta' flus meta l-irċevuta għal dawn il-flus hija suġġetta għal taxxa.

Tifsir ta' "irċevuta".

**59.** It-taxxa fuq irċevuta għandha titħallas fl-Uffiċċju tal-Kummissarju fi żmien tmint ijiem tax-xogħol minn meta tiġi ffirmata l-irċevuta.

Fejn għandha titħallas taxxa fuq irċevuti.

**60.** (1) Ir-responsabbiltà għall-ħlas tat-taxxa dovuta taħt l-artikolu 57 ta' dan l-Att tkun tal-persuna li toħroġ l-irċevuta.

Penali dwar irċevuti.

(2) Kull persuna li —

(a) toħroġ irċevuta suġġetta għat-taxxa u ma tħallasx taxxa fuq dik l-irċevuta; jew

(b) f'kull każ meta irċevuta tkun suġġetta għal taxxa, tonqos li tagħti irċevuta; jew

(ċ) mal-ħlas ta' xi ammont ta' iżjed minn elfejn lira tagħti irċevuta għal somma ta' mhux iżjed minn elfejn lira jew tifred jew taqsam l-ammont imħallas; jew

(d) tagħmel użu ta', jew taċċetta l-użu ta' xi dokument barra minn irċevuta sabiex toħloq prova ta' ħlas meta dik il-prova tista' tkun magħmula bil-ħruġ ta' irċevuta,

teħel penali ta' mhux inqas minn żewġ liri iżda mhux iżjed minn għaxar liri.

(3) Il-persuna li lilha tingħata l-irċevuta tkun intitolata li takkwista mingħand il-Kummissarju dikjarazzjoni li turi li t-taxxa fuq dik l-irċevuta tkun tħallset.

Ħelsien mit-taxxa.

**61.** Minkejja d-disposizzjoni ta' l-artikolu 57 ta' dan l-Att, ma għandha titħallas ebda taxxa taħt dak l-artikolu dwar —

(a) irċevuti mogħtija għal jew dwar:

(i) ammonti ta' inqas minn elfejn lira;

(ii) kull donazzjoni jew tħollija magħmula għal għanijiet ta' karità jew filantropiċi;

(b) irċevuti mogħtija minn jew f'isem xi Dipartiment tal-Gvern;

(ċ) irċevuti mogħtija meta tingħata taxxa lura jew meta tingħata lura taxxa żejda lil xi Dipartiment tal-Gvern;

(d) irċevuti mogħtija għall-ħlas magħmul għal *stock* maħruġ mill-Gvern, jew għall-ħlas lura ta' ħlas żejjed fuq dak li *stock* jew għall-fidwa jew għall-bdil tiegħu.

## TAQSIMA IV

### *Dokumenti li fuqhom għandha titħallas it-taxxa qabel ma jsir użu minnhom*

Taxxa fuq dokumenti magħmulin barra minn Malta.

**62.** (1) It-taxxa fuq kull dokument magħmul barra minn Malta u li huwa hekk li, kieku kien magħmul f'Malta kien ikun suġġett għat-taxxa, għandu qabel ma jsir użu minnu f'Malta, titħallas mill-persuna li tagħmel dak l-użu bir-rata preskritta f'dan l-Att għal kull dokument li kieku kien magħmul f'Malta.

(2) Kull persuna li tonqos li tħares id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu teħel l-istess penali li kienet tkun applikabbli għal dak in-nuqqas li kieku sar dwar dokument ta' l-istess xorta jew ta' xorta analoga magħmul f'Malta.

## TAQSIMA V

### *Ħlas lura ta' Taxxa*

Ħlas lura ta' taxxa.

**63.** (1) Il-Kummissarju jista' jagħti ħlas lura tat-taxxa meta:

(a) xi dokument ikun ġie bi żball imħassar, imqatta', jew ikun sar mhux tajjeb għall-użu qabel ma jiġi magħmul; jew

(b) xi dokument ikun wara ġie dikjarat null minn xi Qorti kompetenti; jew

(ċ) l-istat tad-dokument ikun hekk li jkun ġustifikat li jiġi mibdul b'dokument ieħor ta' l-istess xorta, iżda l-kunsens tal-Kummissarju għal dik il-bidla jinġieb qabel dan isir u li t-taxxa dwar id-dokument fiż-żmien li ssir il-bidla tkun diġa' tħallset; jew

(d) l-ammont riċevut mill-Kummissarju ma kienx dovut; jew

(e) minħabba żball meta ġie magħmul, kienet tħallset taxxa żejda; jew

(f) dokument magħmul għall-għanijiet ta' reġistrazzjoni jew biex jiġi ppreżentat lil awtorità stabbilita b'liġi ma jkunx aċċettat minħabba li ma jaqbilx mal-ħtiġiet ta' l-awtorità li tkun, meta d-dokument, sew jekk ikun jiftiehem li jkollu xi validità bejn il-partijiet sew jekk le, jonqos li jilħaq l-għan li għalih ikun ġie magħmul; jew

(g) fil-każ ta' ċekkijiet li fuqhom jiġi ndikat li tħallset it-taxxa u li jingħataw lura lill-Kummissarju biex dan jiddistruġġihom.

(2) Talbiet għall-ħlas lura ta' xi taxxa taħt dan l-artikolu għandhom isiru bil-miktub.

(3) Talbiet għall-ħlas lura ma jkunux kunsidrati mill-Kummissarju jekk isiru wara sentejn mill-ħlas tat-taxxa.

(4) Kull dokument, barra minn att nutarili, li dwaru jintalab ħlas lura għandu jingħata lura lill-Kummissarju.

## TAQSIMA VI

### *Disposizzjoni Transitorja*

**64.** (1) L-Ordinanza dwar it-Taxxa tal-Boll, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu imsejħa "l-Ordinanza", hi b'dan imħassra. Tħassir u riżerva.

(2) Ir-regoli u r-regolamenti msemmija fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att għandhom, sakemm jaqblu mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jitqiesu li kienu magħmula taħt dan l-Att.

(3) L-eżenzjonijiet imsemmija fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att għandhom jitqiesu li ngħataw mill-Ministru taħt is-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 23.

(4) Referenza magħmula f'xi liġi oħra barra minn dan l-Att għal xi disposizzjoni ta' l-Ordinanza, meta r-rabta tal-kliem hekk teħtieġ, għandha *mutatis mutandis* tiftiehem bħala referenza għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, u partikolarment referenza għat-taxxa tal-boll f'xi liġi għandha titqies li hi referenza għat-taxxa mposta taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

Artikolu 52

## SKEDI

*L-Ewwel Skeda*

### AVVIŻ LI GĦANDU JIĠI PPREŻENTAT MINN NUTAR SKOND L-ARTIKOLU 52 TA' L-ATT TA' L-1981 DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI

| | |
|---|---|
| Isem in-Nutar: | |
| Data ta' l-Att: | |
| Numru ta' l-Att: | |

PARTIJIET FUQ L-ATT

*Bejjiegħ*

| Isem | Indirizz |
|---|---|
| | |
| | |
| | |
| | |

*Xerrej*

| | |
|---|---|
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |

| | |
|---|---|
| L-ammont jew il-valur tal-kumpens jew il-valur dikjarat | |

(Aqleb Wara)

*Xorta Ta' Tranżazzjoni:*

(Nota: Fi tranżazzjonijiet ta' proprjetà mmobbli għandha tingħata deskrizzjoni sħiħa ta' dik il-proprjetà u f'każ ta' bejgħ ta' proprjetà rurali għandha tiġi mehmuża kopja ta' pjanta fejn turi l-pożizzjoni ta' l-art).

.....................................

Firma tan-Nutar

GĦAL UŻU UFFIĊJALI

Taxxa mħallsa fil- ................................

Riċevuta Numru: ................................

..........................................................

Kummissarju tat-Taxxi Nterni

*It-Tieni Skeda*

Artikolu 64(2)

---

1. In-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 282 pubblikata fis-7 ta' Ottubru, 1921, li tirregola l-imbullar ta' ċekkijiet u ta' kotba ta' ċekkijiet.
2. L-Avviż Legali Nru. 62 imsejjaħ "Regolamenti ta' l-1975 dwar it-Taxxa tal-Boll fuq Forom ta' Ċekkijiet".

*It-Tielet Skeda*

Artikolu 64(3)

---

1. Ordni mill-Gvernatur fil-Kunsill tal-24 ta' Frar, 1958.
   (Jeżenta mit-taxxa trasferimenti ta' vetturi agrikoli).
2. Ordni mill-A/Ministru tal-Finanzi, Dwana u Portijiet tal-24 ta' Frar, 1958.
   (Jeżenta mit-taxxa trasferiment ta' Bastimenti tas-Sajd).
3. Ordni mill-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Portijiet tal-21 ta' Jannar, 1971.
   (Jeżenta mit-taxxa l-Korporazzjoni tad-Drydocks ta' Malta mill-bejgħ ta' vapuri u bastimenti żgħar mibnija fid-Drydocks għall-esportazzjoni).
4. Ordni mill-Ministru tal-Finanzi u Dwana tal-21 ta' Marzu, 1974.
   (Jeżenta mit-taxxa trasferiment ta' azzjonijiet tal-Bank of Valletta Ltd mill-Korporazzjoni ta' l-Iżvilupp ta' Malta lil kull persuna jew għaqda ta' persuni).
5. In-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 4 tal-4 ta' Jannar, 1974.
   (Teżenta mit-taxxa tal-boll attijiet ta' diviżjoni ta' immobbli li ġew għand kom-proprjetarji permezz ta' suċċessjoni jew legat).
6. In-Notifikazzjoni Nru. 58 tat-22 ta' Novembru, 1976.
   (Teżenta mit-taxxa tal-boll trasferiment ta' sigurtajiet negozjabbli barranin).

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 531 tad-29 ta' Lulju, 1981.

C. Agius
*Speaker*

C. Mifsud
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*